MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1048/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Anthony Fenech personalment u**
**ghan-nom u in rapprezentanza**
**ta’ Francesco Fenech Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u erba’ u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm884.25), import ta’ hmistax-il kambjala li mmaturaw bejn il-15 ta’ Jannar 2003 u l-15 ta’ Mejju 2003 u li baqghu ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati,  ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici [fol. 6] u li permezz taghha rrinunzjat ghat-talba minhabba hlas fil-mori u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jastejni milli jiehu konjizzjoni tat-talba, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------